

Brussell, 17 ta' April 2026
(OR. en)

7864/26

CDR 57

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru supplenti, proposit mir-Renju
tan-Netherlands, fil-Kumitat tar-Reġjuni
- Adozzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**li taħtar membru supplenti,
propost mir-Renju tan-Netherlands,
fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Regjuni¹,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Netherlandiż,

¹ ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13 (ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj>).

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2025/71², li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030.
- (3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Egbert VAN DIJK sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (4) Il-Gvern Netherlandiż ippropona lis-Sur Henk EMMENS, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Gedeputeerde, Lid van Gedeputeerde Staten van de provincie Drenthe* (Ministru Reġjonali tal-provinċja ta' Drenthe), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/71 tal-10 ta' Diċembru 2024 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2025 sal-25 ta' Jannar 2030 (ĠU L, 2025/71, 16.1.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/71/oj>).

Artikolu 1

Is-Sur Henk EMMENS, rappreżentant ta' korp reġjonali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Gedeputeerde, Lid van Gedeputeerde Staten van de provincie Drenthe* (Ministru Reġjonali tal-provinċja ta' Drenthe), huwa b'dan maħtur bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
